MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2005

Numru 22222/2222

Il- Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca,
Spettur Victor Aquilina)

-vs-

Joseph Louis Vella
Gunther Vella

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija John Louis Vella ta’ 62 sena, bin Saviour u Giovanna nee’ Buttigieg, imwieled il- Hamrun nhar l- 10 ta’ Dicembru 1943 u residenti No:31, ‘Belfior’, Triq it- Tursin ir- Rih, Attard, detentur tal- karta tal- identita’ numru 783943M.

U

Gunther Vella ta’ 28 sena, bin Joseph Louis Vella u Carmen nee’ Ellul, imwieled Attard nhar is- 6 ta’ Frar 1977 u residenti No. 31, ‘Belfior’, Triq it- Tursin ir- Rih, Attard, detentur tal- karta tal- identita’ numru 169277M

Talli fil- 25 ta’ Lulju ghal habta ta’ 00:30 am, fi Triq it- Tursin ir- Rih, Attard, minghajr il- hsieb li joqtlu jew li jqieghedu il- hajja ta’ haddiehor fil- periklu car, permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il- persuni ta’ Giovanni Mallia, skond ma ccertifika it- tabib Dr. Michael Spiteri M.D. (Reg 2666) mill- Isptar San Luqa, u dan b’ arma, strument jew ghodda irregolari, u dan bi ksur tal- Artikoli 64, 214, 216, 217 u 218 tal- Kapitolu 9, tal- Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzati wkoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil- lejl, kisru il- mistrieh tan- nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b’ mod iehor, u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (m) u (dd) tal- Kapitolu 9, tal- Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzati wkoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qalu kliem fil- pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b’ xi mod iehor li mhux provdut fil- Kodici Kriminali, offendew l- morali, l- imbgieba xierqa jew id- decenza pubblika, u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (bb) u 342 tal- Kapitolu 9, tal- Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzati wkoll talli fl- istess jum, lok, hin, u crikostanzi hebbew ghal- Giovanni Mallia sabiex tingurjawh, iddejquh jew tghamlulu hsara u dan bi ksur ta’ l- artikolu 339 (d) u (e) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati wkoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil- hsieb li ttelfu jew tnaqqsu l- gieh ta’ Giovanni Mallia weggajtu bi kliem, b’ gest jew b’ mod iehro u dn bi ksur ta’ l- artikolu 252 (1) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Akkuazati wkoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbottaw lill imsemmi Giovanni Mallia sabiex

iweggugh jew jinsulentawh u dan bi ksur ta’ l- artikolu 339 (1)(l) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Lil Joseph Louis Vella wahdu:-

Akkuzat talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbi u cioe’ ghamel hsara fil- vettura bin- numru tar- registrazzjoni DAI 601 tal- marka Kia Avella, u fuq xi fanali sitwati fid- drive in ta’ l- abitazzjoni sitwata f’ fond numru 31, ‘Villa Lumina’, fi Triq Tursin ir- Rih, Attard liema hsara hija ta’ aktar minn Lm 500 (Hames mitt Lira Maltin) ghad- dannu ta’ Giovanni Mallia u dan bi ksur tal- artikolu 325 (1) (a) tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat fil- konfront taz- zewg akkuzati l- aritkoli 64, 214, 216, 217, 218, 338 (b)(b) rat barra l- artikli imsemmija, l- artikolu 325 (1)(a) fil- konfront biss ta’ Joseph Vella.

Stante ammissjoni ssibhom hatja. Il- Qorti taghthom zmien biex jergghu jahsbuha imma tennew l- ammisjoni.

Rat wkoll l- art 28A tal- Kap 9 li ser tapplika.

Ghalhekk tikkundanna lill akkuzati sentejn prigunerija liema sentenza m’ ghandiex tidhol fis- sehh hlief jekk l- akkuzati jaghmlu reat iehor soggett ghall- prigunerija fi zmein sentejn m’ illum.

Il- Qorti tipprovdi vis – a – vis il- persuni msemmija fl- akkuza billi tobbliga lill- hatja li ma jimmolestawhomx taht garanzija ta’ mitt lira Maltija (Lm 100) ghal- sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------